MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 589/2011

**Alternative Technologies Limited [C-45284]**

**Vs**

**Joe Zammit u Kevin Borg bhala rapprezentanti legali u giuridici u fil-kapacitajiet rispettivi taghhom ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Pembroke**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-15 ta' Lulju, 2011** u li permezz taghha hija talbet lill-Kunsill intimat thallasha s-somma ta' elf erba' mija u sitt euro u hamsa u hamsin centezmu ta' euro [€1,406.55] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf erba' mija u sitt euro u hamsa u hamsin centezmu (€1,406.55),

inkluz Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, rapprezentanti din is-somma bilanc ta' prezz dovut fuq provvista u nstallazzjoni ta' sistemi fotovoltaici.

Bl-ispejjez u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data illi tali ammonti sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-Kunsill intimat** mressqa fl-1 ta' Settembru, 2011 u li permezz taghha huwa ecceppixxa hekk:

"Illi t-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda kontra s-socjeta attrici u dan stante li kif ser ikun pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, l-ammont pretiz ma huwiex dovut u l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenuti pro et noe lejn is-socjeta attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici u salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 31 ta' Mejju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Semgha' x-xhieda u t-trattazzjoni u ra n-noti ta' sottomissjonijiet;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Din il-kawza tirrigwarda talba mis-socjeta rikorrenti sabiex il-kunsill intimat jigi kkundannat jhallasha s-somma ta' €1,406.55 rappresentanti din is-somma bilanc ta' prezz dovut fuq provvista u nstallazzjoni ta' sistemi fotovoltaici. F'dan l-ammont hemm ukoll inkluz il-VAT. Il-Kunsill intimat qieghed jichad li huwa ghandu jaghti xi somma flus lis-socjeta rikorrenti.

Mill-provi prodotti, jirrizulta li s-socjeta rikorrenti kienet inghatat *tender* mill-Kunsill intimat sabiex "*jissuplixxu, jinstallaw u jikkummissjonaw Photovoltaic System*". L-ammont tat-*tender* kien ta' €3,858.59 u VAT ta' €694.41 biex b'kollox jigi l-ammont ta' €4553 (fol. 78). Mill-istess dokument pero jirrizulta li hemm zball matematiku u dan fis-sens li jekk jinghadu z-zewg cifri kwotati fuq il-pro-forma bill of quantities u cioe c-cifra ta' €2922.76 u €903.47 jigi l-ammont ta' €3,826.23 u mhux €3,858.59. Il-VAT fuq l-ammont korrett allura kellu jkun ta' €688.72 u mhux ta' €694.41. Ghalhekk l-ammont tat-*tender* inkluz il-VAT proprjament kellu jkun ta' €4,514.95. Jidher li dan l-izball fil-matematika rrizulta lil Bord ta' l-Ghazla u dan skond ma jidher mill-kliem "*wrong addition in tender*" (a tergo ta' fol. 38).

Fil-fatt, il-partijiet ghaddew biex iffirmaw "*Contract Agreement*" (fol. 31) f'liema kuntratt hemm miktub "*In accordance with the Local Councils Act, 1993 and Legal Notices 91 and 92 of 1993, the Contractor accepts to perform the following service: Supply, Installation & Commissioning of a Photovoltaic System for the Pembroke Local Council from 01/03/2010 to 30/04/2010 in accordance with the terms and conditions contained in Contract Document No. 07/2009 attached hereto*" (fol. 31). Jidher li l-ammont li gie accettat mill-Kunsill intimat bhala l-valur tat-tender kien ta' €4553 minkejja li l-Bord ta' l-Ghazla qal li kien hemm "*wrong addition in tender*" (a tergo ta' fol. 38). It-Tribunal wasal ghal din il-konkluzzjoni l-ghaliex l-istess Kunsill intimat baghat ittra datata 24 ta' Frar, 2010 (fol. 34) fejn fost affarijiet ohra qal hekk lis-socjeta rikorrenti: "*In terms of the General Conditions of Contract, you are required to furnish the Pembroke Local Council with a Performance Bond equivalent to €455.30 (four hundred and fifty five Euros & thirty Euro Cents) from a local bank within seven (7) days from the date of this letter of acceptance*" (fol. 34). Il-*performance bond* tohrog fuq il-valur tal-kuntratt u tinhadem fuq ghaxra fil-mija (10%) tal-valur ta' l-istess kuntratt (ara tergo a fol. 55). L-ammont ta' €455.30 jigi ghaxra fil-mija ta' €4,553. Ghalhekk, il-Kunsill intimat irikonoxxa huwa stess li l-valur tal-kuntratt huwa ta' €4553 u mhux ta' €3,858.59 kif

jallega hu permezz tax-xhieda mressqa minnu. Dan huwa l-kuntratt bejn il-partijiet u ma jistax il-Kunsill intimat wara li ffirma l-kuntratt jghid li l-ammont miftiehem u bonarjament maqbul bejn il-partijiet kien ammont zbaljat. L-affarijiet missu rahom sew qabel ma ffirma u mhux wara. Is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill intimat fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal qal li l-ammonti indikati mit-*tenderer*, f'dan il-kaz is-socjeta rikorrenti, kienu jinkludu l-VAT. Ix-xhud hawn qed jirreferi ghal fatt li fil-kolonni fejn hemm iz-zewg ammonti ta' €2,922.76 u €903.47 hemm il-kliem "*Rate incl. Of VAT, ECO Tax and all expenses as may be applicable*" u "*Total Amount incl. Of VAT, ECO Tax and all expenses as may be applicable*" (fol. 78). Fuq dan il-punt, is-socjeta rikorrenti rriferiet ghal kliem "*subtotal*" u "*Total Amount incl. Of VAT, Eco Tax and all expenses as may be applicable*" li hemm ukoll fuq din il-faccata li tinsab a fol. 78 tal-process. Hija tghid li s-subtotal taz-zewg ammonti hawn imsemmija cioe dawk ta' €2,922.76 u €903.47 jigu ghal €3,858.59 u meta zzid il-VAT ta' €694.41 jigi l-ammont indikat bhala €4,553 fil-kaxxa intitolata "*Total Amount incl. Of VAT, Eco Tax and all expenses as may be applicable*". Is-Segretarju Ezekuttiv ighid li fil-kliem *sub-total* "*il-kuntrattur jista jaghti stima minn qabel ta' kemm hemm metraggi*" (fol. 101). It-Tribunal pero ma jaqbilx ma din l-interpretazzjoni l-ghaliex f'dan il-kaz mhux hekk sar.
Wara li gie ffirmat il-kuntratt, jirrizulta li l-Kunsill intimat talab lis-socjeta rikorrenti sabiex ikkabbru l-progett u wara li giet sottomessa l-istima tax-xogholijiet godda din giet accettata.

Il-kont finali (inkluz ix-xogholijiet *extra* u l-ammont dovut skond il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet) skond ma jirrizulta mill-*nvoice* numru PV/45/10 (dok. MC1 a fol. 24) kien ta' €7,291.71. Dan l-ammont kien ikkonfermat b'ittra datata 2 ta' Marzu, 2011 (dok. MC1 a fol. 14) u ffirmata minn Kevin Borg, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill. Di fatti, f'din l-ittra jinghad hekk "*According to our records as at 31 December 2010, the amount due by our Council to your company was €7,291.71. If you do not agree with this balance, kindly use the enclosed envelope and send an account history for 2010 to our auditors*". Ovvjament is-

socjeta rikorrenti ma baghtet xejn lill-awdituri tal-Kunsill intimat l-ghaliex l-ammont li l-istess Kunsill intimat kien qieghed ighid li huwa dovut minnu lis-socjeta rikorrenti, kien identiku ghall-ammont mibghut mis-socjeta rikorrenti permezz ta' l-*invoice* taghha hawn fuq imsemmija. Meta s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gie mistoqsi fuq din l-ittra, huwa qal li "*...din hija wkoll standard letter li jibghatu l-awdituri*" u "*ahna obbligati bil-ligi illi nikkonfermaw mieghu jekk dak l-ammont li baghtilna hu huwiex qieghed jikkonfermah hu pero dan ma jfissirx li ahna qeghdin naqblu mieghu. Jiena bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill kull fattura li tidhol jiena obbligat li nirregistraha anki jekk ma tkunx dovuta mill-Kunsill*" (fol. 101). It-Tribunal ma jaqbilx ma din l-interpretazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv. L-ittra ma tghidx lill-kreditur biex jikkonferma l-ammont, izda qeghda tghid li jekk huwa ma jaqbilx ma l-ammont dovut, allura kellu jibghat lill-awdituri taghhom bl-*account history* u huma wara li jivverifikaw r-*records* taghhom, jinfurmawh bid-diskrepanza. F'dan il-kaz ma kienx hemm bzonn li dan isir ghax is-socjeta rikorrenti kienet qeghda taqbel ma l-ammont indikat f'dik l-ittra. Ukoll, mkien fl-ittra ma jinghad li l-Kunsill mhux jaqbel ma l-ammont minnu indikat u dan kuntrarjament ghal dak li jghid is-Segretarju Ezekuttiv.

In oltre, il-Kunsill intimat fl-24 ta' Frar, 2011 kien baghat *cheque* fl-ammont ta' €5,885.16 lis-socjeta rikorrenti. Meta gew mistoqsija fuq dan l-ammont kemm is-Sindku Joe Zammit u kemm is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jghidu li dan l-ammont kien a saldu ta' kull pretensjoni li s-socjeta rikorrenti seta kellha fil-konfront tal-Kunsill intimat. Dan pero, u bid-dovut rispett, ma jirrizultax mid-dokumenti li gew esebiti. Dok. MC 2 a fol. 15 (esebit mir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti) u d-dokumenti intitolati "*Payment Certificate*" a fol. 92 (esebit mir-rapprezentant tal-Kunsill intimat) u "*Payment Vouchers*" a fol. 94 imkien ma jghidu li dan il-pagament ta' €5,885.16 huma a saldu ta' l-ammont dovut mill-Kunsill intimat lis-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk, meta sar dan il-hlas ta' €5,885.16, dan kien qieghed isir bhala akkont minn ammont akbar u cioe mis-somma ta' €7,291.71. Jekk minn din l-ahhar somma

tnaqqas l-ewwel somma hawn appena imsemmija jigi l-bilanc ta' €1,406.55 li huwa l-ammont ezatt reklamat mis-socjeta rikorrenti permezz ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill intimat fejn dawn huma b'xi mod inkompattibbli ma dak hawn fuq deciz, jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lill-istess Kunsill intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf erba' mija u sitt euro u hamsa u hamsin centezmu ta' euro (€1,406.55) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-Kunsill intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------